MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 1134/2006

**L-Avukati Dottor Michael Grech u George Hyzler bhala mandatarji specjali ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Unilever plc.**

**vs**

**Dr. Renzo Porsella-Flores u l-P.L. Hilda Ellul Mercer li b'digriet tas-17 ta' Jannar 2007 gew appuntati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lil Tashrukit-Alhoraya.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' l-Avukati Dottor Michael Grech u George Hyzler bhala mandatarji specjali ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Unilever plc datat 21 ta' Dicembru 2006 a fol. 1 tal-process fejn gie eccepit:-

Illi s-socjeta` attrici Unilever plc ta' Port Wirral, Merseyside CH62 4 ZD, Renju Unit, hija proprjetarja ta' diversi markji "**DOVE**" u "**POND'S**", liema markji huma wzati mis-socjeta` attrici fuq diversi prodotti manifatturati minnha bhal sapun, *bath washes, shower gels, moisturising creams* u *exfoliating creams, facial wipes, talcum powder* u prodotti ohra, u dan skond kif jidher fuq id-Dokument "A" "B", "C" u "D";

Illi s-socjeta' attrici hija detentrici tad-dritt ta' proprjeta` industrijali ta' l-istess markji "**DOVE**" u "**POND'S**" fil-komplessita` taghhom irregistrati fir-Registru tal-Markji f'Malta taht *Trademark No*. 18163, u *Trademark No.* 24930 (Dok "A"), *Trademark No.* 34642 (Dok "B"), *Trademark No.* 34643 (Dok "C") u *Trademark No.* 3553 (Dok "D") u dan kollu *ai termini* ta' l-**artikolu 2** ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) tal-**Kap 414** tal-Ligijiet ta' Malta liema markji huma wkoll irregistrati bhala *Trademark* Komunitarja mal-*Office for Harmonization in the Internal Market*" ta' l-Unjoni Ewropea (ibbazat f'Alicante, Spanja) taht Numru 04248738;

Illi jirruzulta illi fit-30 ta' Novembru 2006 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur MV "CMA CGM VERDI", u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta' prodotti li jgibu l-markju "**DOVE**" u "**PONDS**" fuq imsemmija, liema konsenja tikkonsisti mis-segwenti; (i) elfejn tmien mija u tmenin (2,880) pakkett *facial cleansing wipes*, (ii) tmien mija u erbgha u sittin (864) c*ontainer moisturizing cream*, (iii) tmien mija u erbgha u sittin (864) tubu *whitening exfoliating cream*, (iv) seba' mija u ghoxrin (720) tubu *whitening peeling cream*, (v) tlett elef mija u tmienja u sittin (3,168) tubu *facial foam,* u (vi) mitejn (200) kartuna *talcum powder b'Container* Numru ECMU 9154175 u li m'humiex genwini, u dan bi ksur tal-projbizzjoni ta' l-**artikolu 4 tal-KAP. 414;**

Illi mill-Polza ta' Kargu Numru NBTP202410 jirrizulta li l-konsenjatarji tal-prodotti in kwistjoni huma ndikati bhala

Tashrukit-Alhoraya, mentri jirrizulta li d-dettalji tax-*Shipper* huma Jinhua High Import & Export Co. Ltd.;

Illi d-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' oggetti li jikkontravjenu dritt dwar il-proprjeta` intellettwali huwa projbit skond l-**artikolu 4** ta' l-istess **Kap. 414** tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi dawn il-prodotti in kwistjoni jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici, skond l-**artikolu 2 (1) (a) (i), (ii) u (iii), tal-Kap 414**, li favur taghha huwa rregistrat il-markju "**DOVE**" u **POND'S**", u jikkontravjenu wkoll id-drittijiet ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici skond l-artikolu 2 (1) (b) ta' l-istess Kap 414, kif ukoll jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici skond l-artikolu 2 (1) (a) u (b) tar-regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 li tirrigwarda l-azzjonijiet li tiehu d-Dwana kontra prodotti li huma sospettati li jikkontravvjenu certi drittijiet ta' proprjeta` intellettwali u l-mizuri li jridu jittiehdu kontra prodotti li jinstabu li jikkontravvjenu l-imsemmija drittijiet, u dan kollu kif *ben* spjegat mill-analizi li ghamel rapprezentant tas-socjeta` estera Unilever Deutschland GmbH ghas-socjeta` attrici (ara rapport ta' l-analizi mmarkati bhala Dok "E");

Illi din il-konsenja ta' prodotti bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provediment tal-Kap 414 wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` attrici lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista' jiddeciedi dwar il-kaz (ara kopja ta' l-applikazzjoni mmarkata bhala Dok "F");

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-prodotti in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` attrici lill-istess Kontrollur, huma oggetti

ffalsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija (skond l-**artikolu 2 (1) (a) u (b) tal-Kap 14**;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' prodotti li tikkonsisti fis-segwenti; (i) elfejn tmien mija u tmenin (2,880) pakkett *facial cleansing wipes*, (ii) tmien mija u erbgha u sittin (864) c*ontainer moisturizing cream*, (iii) tmien mija u erbgha u sittin (864) tubu *whitening exfoliating cream*, (iv) seba' mija u ghoxrin (720) tubu *whitening peeling cream*, (v) tlett elef mija u tmienja u sittin (3,168) tubu facial foam u (vi) mitejn (200) kartuna *talcum powder* b'*Container* Numru ECMU 9154175 da parti tas-socjeta` konvenuta u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` attrici in kwantu li m'humiex genwini, skond l-**artikolu 2 (1) (a) (i) (ii) (iii) u (b) tal-Kap 414** (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni ta' l-artikolu 4 ta' l-istess Kap 414, u dan fil-konfront tat-*Trademarks* registrati f'isem is-socjeta` attrici bin-numru 18163, 24930, 34642, 34643, u 3553 fir-Registru tal-Markji ta' Malta;

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-imsemmija konsenja ta' prodotti tikkostitwixxi vjolazzjoni ta' l-artikolu 21 9 (a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003, u dan fil-konfront tat-*Trademarks* registrati f'isem is-socjeta` attrici bin-numru 18163, 24930, 34642, 34643 u 3553 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tar-registrazzjoni tat-*Trademark* Komunitarju Numru 04248738 registrat f'isem is-socjeta` attrici (dan kollu skond il-provedimenti tar-Regolamenti tal-Kunsill (EC) Numru 40/94 tal-20 ta' Dicembru 1993 fuq it-Trademark Komunitarja (tal-Unjoni Ewropea))

4. Tordna lill-Kontrullur tad-Dwana u/jew lis-socjeta` attrici a bazi ta' l-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggi l-prodotti in kwistjoni

minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjeta` tal-konvenut, skond l-**artikolu 8 tal-Kap 414**;

5. Tordna kull rimedju iehor li tista’ skond it-termini ta’ l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), **Kap 414** tal-Ligijiet ta’ Malta u/jew skond it-termini tar-Regolament tal-kunsill (EC) numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju 2003, fil-konfront tas-socjeta` attrici;

6. Tordna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tal-prodotti in kwistjoni, u ta’ l-ispejjez ta’ l-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-**Kap 414;**

Bl-ispejjez, kontra s-socjeta` ntimata ngunta minn issa biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti u mmarkati bhala dok. “A” sa Dok. “G” kif jidher minn fol. 5 sa fol. 23 tal-process;

Rat ir-rikors ta’ l-Avukati Dr. Michael Grech u Dr. George Hyzler *nomine* datat 21 ta’ Dicembru 2006 fejn is-socjeta’ rikorrenti talbet lill-Qorti joghgobha tinnomina kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta’ intimata Tashrukit-Alhoraya, fl-atti tar-rikors fuq imsemmija u fl-atti l-ohra kollha relevanti u sussegwenti u tordna li bil-Bandu tigi notifikata l-imsemmija socjeta` Carmelo Caruana Company Limited. Il-Qorti kif attwalment presjeduta rat id-digriet precedenti, il-bandi mahruga u r-riferta tal-Marixxall, u billi ma deher hadd biex jaccetta l-kurazija nnominat lill-Avukat Dr. Renzo Porsella-Flores u lill-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercel bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi bid-digriet moghti fis-17 ta’ Jannar 2007.

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smiegh minn din il-Qorti kif presjeduta ghas-seduta tas-27 ta’ Frar 2007.

Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati Dr. Renzo Porsella-Flores *et nomine* datata 19 ta’ Frar 2007 a fol. 33 tal-process fejn espona:-

Illi huma ma jafu xejn dwar il-fatti tal-kawza izda hekk kif ir-rikorrenti jghaddulhom l-indirizz tad-ditta barranija li ghaliha huma nhatru biex jidhru huma jaghmlu hilithom kollha biex jigbru t-taghrif mehtieg, u ghalhekk jirriservaw id-dritt li jressqu t-twegiba taghhom aktar ‘l quddiem.

Rat il-lista tax-xhieda ta’ Dr. Renzo Porsella-Flores *et nomine* a fol. 33 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-27 ta’ Frar 2007 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Michael Grech ghas-socjeta` attrici. Dr.Renzo Posella-Flores bhala Kuratur Deputat issejjah diversi drabi baqa’ ma deherx. Dr. Grech pprezenta nota bi tliet affidavits u dokumenti ohra, u rtira l-hames talba attrici. Dr. Grech iddikjara li m’ghandux indirizz tas-socjeta` konvenuta u nforma b’dan verbalment lil Dr. Renzo Porsella-Flores. Dr. Renzo Porsella-Flores issejjah diversi drabi ohra baqa’ ma deherx anke f’dan l-istadju. Il-kawza giet differita ghan-notifka ta’ l-affidavits kollha attrici lil Kuraturi Deputati, inkluz l-affidavit attrici li fadal, li ghandu jigi prezentat mhux aktar tard minn tletin (30) jum min dan il-verbal, b’dan li l-kuraturi deputati nghataw il-fakolta` jipprezentaw l-affidavits kollha taghhom fi zmien tletin (30) jum min-notifika lilhom ta’ l-affidavits attrici. Il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni u *occorrendo* finali trattazzjoni ghat-8 ta’ Mejju 2007.

Rat in-nota ta’ Dr. Michael Grech *nomine* datata 11 ta’ April 2007 a fol. 51 tal-process li permezz taghha esebixxa prospett (Dok. “MG1”) li fih hemm dettalji dwar il-*quantum* ta’ l-ispejjes li jkunu jridu jithallsu mis-socjeta` intimata fl-eventwalita` illi din il-Qorti tilqa’ s-sitt talba tas-socjeta` rikorrenti kif dedotta fir-rikors guramentat. Flimkien mal-prospett gew annessi wkoll tliet dokumenti mmarkati Dok “MG2”, “MH3” u “MG4”.

Rat il-verbali tas-seduti tat-8 ta’ Mejju 2007 fejn meta ssejjah il-kawza deher Dr. George Hyzler ghall-atturi. Dr. Renzo Porsella-Flores isejjah diversi drabi baqa’ ma deherx. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghat-28 ta’ Gunju 2007.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi tali talbiet huma simili ghal dawk fis-sentenzi **"Av. Dr. David Tonna nomine vs Dr. Leslie Cuschieri *et nomine*"** (P.A. (LFS) – 14 ta' April 2005) u **"Av. Dr. David Tonna *et nomine* vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*"** (P.A. (TM) – 2 ta' Frar 2006); **"Av. Dr. David Tonna *et nomine* vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*"** (P.A. (RCP) – 28 ta' Gunju 2006) u **"Av. Dr. David Tonna *et nomine* vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*"** (P.A. (RCP) – 1 ta' Novembru 2006) u l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici jidhru li gew kollha konfermati kemm permezz tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat tal-avukati Dr. Michael Grech u Dr. George Hyzler nkluzi dawk esebiti bhala Dok. "A" sa Dok. "G" annessi ma' l-istess rikors guramentat datat 21 ta' Dicembru 2006 u wkoll mill-affidavit ta' l-Ufficjal tad-Dwana George Agius tat-23 ta' Frar 2007 a fol. 43 (Dok. "MG3") u pprezentat *seduta stante* fis-seduta tas-27 ta' Frar 2007.

Illi fil-fatt l-istess xhud George Agius ikkonferma li l-istess konsenja kienet giet Malta fit-30 ta' Novembru 2006 u giet ezaminata fl-1 ta' Dicembru 2007 fil-presenza ta' ufficjali tad-Dwana u l-agent tal-vapur u kif sar dan kien hemm suspett li tali kunsinji fl-istess *container* u diversi prodotti tal-markju "POND'S" u "DOVE" setghu kienu kontrafatti u dan bi ksur tad-drittijiet tas-socjeta' rikorrenti u wara li saru l-verifiki necessarji mis-socjeta' rikorrenti, jirrizulta li l-Avukati Dr. Michael Grech u Dr. George Hyzler ghan-nom tas-socjeta' rikorrenti, informaw lill-istess ufficjal tad-Dwana li tali konsenja kienet fil-fatt kontrafatta u dan kif jidher mir-rapporti ta' analizi esebiti bhala Dok. "E" datat 21 ta' Dicembru 2006 a fol. 13 tal-process u konsegwenti ghall- fatt li l-istess socjeta` attrici giet debitament informata b'din il-konsenja, u s-suspetti li kien hemm, li tali prodotti identifikati u mertu ta' l-azzjoni attrici kienu kontrafatti. Fil-fatt jirrizulta li rappresentanti tas-socjeta'

attrici nformaw lill-istess ufficjal tad-Dwana li tali prodotti anke kif indikati fl-affidavit ta' l-imsemmi ufficjal tad-Dwana kienu fil-fatt kontrafatti u li konsegwentement kienu ser jiehdu l-passi opportuni skond il-ligi, kif fil-fatt sar anke b'din il-procedura odjerna.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati fil-grad rikjest mill-ligi; fil-fatt l-istess allegazzjonijiet ma gew bl-ebda mod ikkontestati b'dan li l-ewwel erba' talbiet attrici ghandhom jigu milqugha u fil-waqt li fir-rigward tas-sitt talba attrici din il-Qorti tirreferi ghad-dokumenti Dok. “MG2” sa Dok. “MG4” u dokumenti esebiti man-nota attrici tal-11 ta' April 2007 jirrizulta li l-ammont ta' spejjez hemm indikati jammontaw ghas-somma ta' elf, erba' mija u hamsa u disghin lira Maltija u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm1,495.27) kollox kif indikat a fol. 51 sa 55 tal-process.

Illi dwar il-hames talba attrici din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-istess peress li l-istess giet irtirata kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni ta' Dr. Michael Grech ghas-socjeta' attrici fil-verbal tas-seduta tas-27 ta' Frar 2007.

Illi ghalhekk hlief ghal dak li nghad dwar il-hames (5) talba attrici t-talbiet tar-rikorrenti l-ohra ghandhom jigu milqugha u dwar is-sitt talba tiddikjara li l-ammont ta' spejjez mitluba huma dawk ta' elf, erba' mija u hamsa u disghin lira Maltija u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm1,495.27) kif hawn indikat.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati biss inkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' l-istess, u fil-waqt li **tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames (5) talba tar-rikorrenti s-socjeta' attrici minhabba li l-istess talba giet irtirata mis-socjeta' attrici, tilqa' t-talbiet l-ohra ta' l-istess socjeta` rikorrenti biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-prodotti in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` attrici lill-istess Kontrollur, huma oggetti ffalsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija (skond l-**artikolu 2 (1) (a) u (b) tal-Kap 14**;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' prodotti li tikkonsisti fis-segwenti; (i) elfejn tmien mija u tmenin (2,880) pakkett *facial cleansing wipes*, (ii) tmien mija u erbgha u sittin (864) c*ontainer moisturizing cream*, (iii) tmien mija u erbgha u sittin (864) tubu *whitening exfoliating cream*, (iv) seba' mija u ghoxrin (720) *tubu whitening peeling cream*, (v) tlett elef mija u tmienja u sittin (3,168) tubu *facial foam* u (vi) mitejn (200) kartuna *talcum powder* b'*Container* Numru ECMU 9154175 da parti tas-socjeta` konvenuta u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` attrici in kwantu li m'humiex genwini, skond l-**artikolu 2 (1) (a) (i) (ii) (iii) u (b) tal-Kap 414** (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni ta' l-**artikolu 4 ta' l-istess Kap 414**, u dan fil-konfront tat-*Trademarks* registrati f'isem is-socjeta` attrici bin-numru 18163, 24930, 34642, 34643, u 3553 fir-Registru tal-Markji ta' Malta;

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-imsemmija konsenja ta' prodotti tikkostitwixxi vjolazzjoni ta' l-artikolu 21 (a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003, u dan fil-konfront tat-*Trademarks* registrati f'isem is-socjeta` attrici bin-numru 18163, 24930, 34642, 34643 u 3553 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tar-registrazzjoni tat-*Trademark* Komunitarju Numru 04248738 registrat f'isem is-socjeta` attrici (dan kollu skond il-provedimenti tar-Regolamenti tal-Kunsill (EC) Numru 40/94 tal-20 ta' Dicembru 1993 fuq it-*Trademark* Komunitarja (tal-Unjoni Ewropea);

4. Tordna lill-Kontrullur tad-Dwana sabiex a bazi ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet attrici sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' ghoxrin gurnata (20) mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi l-prodotti in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjeta` tal-konvenut, skond l-**artikolu 8 tal-Kap 414**;

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba *stante* li l-istesss giet irtirata b'dikjarazzjoni datata 27 ta' Frar 2006.

6. Tordna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tal-prodotti in kwistjoni, u ta' l-ispejjez ta' l-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-**Kap 414** u dan fl-ammont ta' elf, erba' mija u hamsa u disghin lira Maltija u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm1,495.27).

Bl-ispejjez, kontra s-socjeta` intimata b'dan li d-drittijiet tal-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------